MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 1129/2005

**BANK OF VALLETTA p.l.c**

**vs**

**Anthony Paul PORTELLI**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni preżentata fit-28 ta' Novembru 2005 li biha s-soċjeta' attriċi wara li ppremettiet;

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fi skrittura privata datata 25 ta' Mejju 2004, is-soċjeta' attriċi kkonċediet faċilitajiet bankarji (Dok. "A", "B", u "C") lill-konvenut, Anthony Paul Portelli;

Illi s-soċjeta' attriċi tinsab kreditriċi tal-konvenut Anthony Paul Portelli fis-somma ta' ħamest elef u għoxrin Lira Maltin u erbgħin ċenteżmu (Lm5,020.40) bilanċ għad-debitu fil-"Loan u Credit Card Loan Accounts" ta' Anthony

Paul Portelli mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. “D” u “E”) flimkien ma’ l-imgħax ulterjuri mit-18 ta’ Novembru, 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-iskrittura fuq imsemmija li qed tiġi hawn anness u mmarkata bħala Dok. “A” partikolarment imma mhux esklussivament, billi Anthony Paul Portelli (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi skrittura privata, (b) kien inadempjenti f’obbligi oħra minnu assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta’ l-istess konvenut Anthony Paul Portelli li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita’ tal-ħlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta’ attriċi;

Illi l-konvenut ġie interpellat permezz ta’ ittra uffiċjali datata 4 ta’ Lulju 2005 u li kopja tagħha qed tiġi hawn esebita u mmarkata Dok. “F” sabiex iħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda dan baqgħa inadampjenti.

Għaldaqstant is-soċjeta attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi;

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq imsemmija li qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. “A” partikolarment imma mhux esklussivament, billi Anthony Paul Portelli (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi skrittura, (b) kien inadempjenti f’obbligi oħra minnu assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta’ l-istess konvenut Anthony Paul Portelli li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita’ tal-ħlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta’ attriċi.

2. Tikkundanna lil Anthony Paul Portellli jħallas lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ ħamest elef u għoxrin Lira Maltin u erbgħin ċenteżmu (Lm5,020.40) bilanċ għad-debitu fil-“Loan u Credit Card Loan Accounts” ta’ Anthony Paul Portelli mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. “D” u “E”)

flimkien ma’ l-imgħax ulterjuri mit-18 ta’ Novembru 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta’ l-ittra uffiċjali datata 4 ta’ Lulju 2005 u tal-Mandat ta’ Sekwestru li qed jiġu ppreżentati kontestwalment kontra l-konvenut li huwa nġunt minn issa sabiex jidher għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-soċjeta’ attriċi;

Rat in-nota mressqa waqt is-smigħ tal-lum mill-konvenut li biha ammetta it-talba kif dedotta fiċ-ċitazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeċiedi billi tilqa’ t-talba tas-soċjeta’ attriċi kif dedotta fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenut.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------